MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru. 34/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**Raphael Axiak ta' 36 sena, bin George u Giovanna nee' Portelli, imwieled Victoria (Ghawdex) fis-7 ta' April 1971 u residenti f'Old Trafford, Triq it-Tigrija, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 12871(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Raphael Axiak akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, f’Marzu tas-sena 2006 jew f’xi perijodu qabel, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

2. Kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi ordna lil Mario Emanuel Camilleri, ufficjal jew impjegat pubbliku, sabiex jaghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' certifikat ta' edukazzjoni sekondarja;
3. U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falz, u cioe' certifikat ta' edukazzjoni sekondarja;
4. Kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz u cioe' certifikat ta' edukazzjoni sekondarja.
5. U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;
6. Kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-24 ta' Mejju 2007 mahrug ai termini ta'l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi il-fatti tal-kaz in dizamina jikkoncernaw certifikat ta' edukazzjoni sekondarja jew *school leaving certificate* mahrug fuq isem l-imputat mill-iskola Ninu Cremona Lyceum Complex liema certifikat allegatament gie iffalsifikat bl-iskop illi l-imputat seta' jikkwalifika ghal kariga ta' *principal security officer* gewwa l-Isptar Generali ta' Ghawdex. Illi mill-provi jirrizulta illi fil-fatt ma kienx l-imputat illi iffalsifika dana ic-certfikat, izda kienet persuna ohra li allegatament ottjeniet certifikat vojt, cioe certu Mario Camilleri li ghazel li ma jixhidx f'dawn il-priceduri, liema persuna imliet dana ic-certifikat b'kwalifiki foloz, li setghu iwasslu sabiex l-imputat seta jikseb il-post tax-xoghol li ghalih kien applika. Dana sehh wara illi kien sar ilment ghal habta ta' Sttembru tas-sena 2005 minn certu Benjamin Sciberras li kien gie it-tieni fil-gradwatorja ghal dana l-impieg. Dina l-petizzjoni saret minn Sciberras wara li gew ippubblikati ir-risultati lil Public Service Commission. Gara li matul l-istharrig li bdiet taghmel l-Kummissjoni, irrizulta illi uhud mill-punti li gew allokati lill-imputat kienu ibbazati fuq il-livell ta'l-edukazzjoni sekondarja tieghu, meta dana lanqas ma kien ipprezenta certifikat tas-school leaving, Ghalhekk il-Kummissjoni kienet tallbet lill-Bord tal-Ghazla sabiex tibghat ghall-imputat u titolbu jipproduci dana ic-certifikat. Kien hawnhekk imbaghad fil-bidu tas-sena 2006 illi l-imputat ghadda ic-certfikat allegatament falz lill-Bord, li imbaghad rega' ghaddieh lill-Kummissjoni. Kien minn investigazzjoni ulterjuri li irrizulta illi fil-fatt kien hemm diversi inesatezzi f'dan ic-certifikat fosthom il-fatt illi l-imputat attenda l-iskola Ninu Cremona ghal erba snin sa Settembru 1985 meta fic-certifikat hemm imnizzel illi huwa spicca skola fl-1 ta' Settembru 1986. Inoltre il-Form 5L li hija indikata fic-certifikat fiz-zmien in kwistjoni kienet ghada lanqas tezisti, kif lanqas ma kien ghadu jezisti s-suggett tal-*computer studies* li jidhru imnizzla fl-istess certifikat (Dokument RA6 a fol.26). Illi finalment mir-rapport ta'l-espert tal-kalligrafija nominata mill-Qorti, il-P.L. Juliana Scerri Ferrante jirrizulta illi l-firma ta' “C.Attard” u cioe' ta' Carmel Attard bhala kap ta'l-iskola fil-fatt ma hijiex il-firma awtentika ta'l-istess Carmel Attard. Dana jikkonfermah l-istess Carmel Attard fix-xhieda tieghu meta jichad illi l-firma li tidher fuq id-Dokument RA6 hija tieghu.

Illi dana kollu huwa fil-fatt ikkonfermata mill-imputat stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fl-1 ta' Marzu 2007 (Dokument RA5) fejn l-imputat jammetti illi huwa attenda l-iskola Ninu Cremona sal-Form 4 u ghalhekk ma kellux certifikat ta' *school leaving*. Huwa jikkonferma ghalhekk illi c-certifikat opprezentat minn lil Bord ta'l-Ghazla huwa fil-fatt wiehed falz. Dana gie mghoddi lilu minn certu Mario Camilleri mill-Munxar li fiz-zmien in kwistjoni kien jahdem fil-Ministeru ghal Ghawdex u li kien habib tieghu. Ighid illi Camilleri gab certifikat vojt bit-timbru fuqu ta'l-iskola u fuq struzzjonijiet tieghu Camilleri kiteb id-dettalji li jidhru fuq l-istess certifikat. Izid illi Mario Camilleri imbaghad kiteb il-firma ta' Carmel Attard bhala kap ta'l-iskola.

**<u>L-akkuza tar-ricettazzjoni</u>**

Illi l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat, hija dik ta' ricettazzjoni ai termini ta'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dina l-akkuza giet mahruga fil-konfront ta'l-imputat peress illi instab fil-pussess tieghu certifikat ta' school leaving illi ma giex rilaxxjat mill-istess skola izda li gie mghoddi lill-imputat vojt minn Mario Camilleri, li ukoll ha hsieb jimla id-dettalji fuq l-istess certifikat vojt u dana fuq struzzjonijiet ta'l-istess imputat.

Illi l-artikolu 334 jiddisponi illi:
"Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu hwejjeg misruq, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel meta jinsab hati:-
a. jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq skond il-valur tal-haga misruqa,
b. jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm
c. jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm ghal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-haga tkun gejja.

Mela allura il-ligi qieghda tipprevedi tlett modi kif l-oggett ikun gie fil-pussess tal-persuna akkuzata u dana kontra l-ligi – jekk l-oggett ikun gej mir-reat tas-serq, jekk l-oggett ikun gej minn wiehed mir-reati previsti fl-artikoli 290 sa 292 tal-Kap.9, jew finalment jekk l-oggett ikun gej minn frodi.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-uniku prova illi l-prosekuzzjoni ressqet f'dina l-kawza in konnessjoni ma' dina l-akkuza hija l-ezebizzjoni tac-certifikat in kwistjoni (Dokument RA6) u l-istqarrija ta'l-imputat (Dokument RA2). Minn hawn jidher illi dana ic-certfikat gie mghoddi vojt lill-imputat minn certu Mario Camilleri li fiz-zmien in kwistjoni kien impjegat mal-Ministeru ghal Ghawdex. Illi madanakollu, minn imkien mill-provi ma jirrizulta kif l-istess Mario Camilleri ottjena dana ic-certfikat vojt u cioe' jekk huwa akkwistax l-istess certifikat b'mezzi leciti jew illeciti. Wisq anqas jirrizulta b'liema mit-tlett mezzi jew ahjar reati indikati fl-artikolu 334, Camilleri seta' akkwista dana ic-certfikat. Wiehed jista' forsi jippresumi illi dana c-certfikat huwa ma akkwistax bis-sewwa, izda hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u l-ebda presunzjoni ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija. Fi kwalunkwe kaz, l-uniku sub-inciz ta' dana l-artikolu tal-ligi li jista' b'xi mod japplika ghal kaz odjern huwa is-subinciz ittra (b), li jipprevedi r-reat ta' akkwist ta' oggett li ikollu xi marka jew sinjal li juri li dak l-oggett huwa proprjeta tar-Repubblika ta' Malta, izda anke hawnhekk ma ingiebet l-ebda prova illi Camilleri akkwista dana ic-certifikat minghajr id-debita awtorizazzjoni u kif diga inghad iktar 'il fuq l-ebda presunzjoni ma tista' twassal ghal kundanna fil-konfront ta'l-imputat.

## L-akkuzi dwar il-falsifikazzjoni

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi akkuzi ta' falsifikazzjoni kif ikkontemplati fl-artikoli 183, 184, 186, 188 u 189 tal-Kodici Kriminali. Illi mill-atti processwali jirrizulta illi d-dokument soggett ghal falsifikazzjoni huwa certifikat ta'l-iskola u cioe' "*school leaving certificate*". Illi id-dokument fih innifsu huwa f'forma ta' formola li timtela

mill-ufficjali ta'l-iskola bid-dettalji dwar il-kisbiet ta'l-istudent fil-livell sekondarju ta'l-edukazzjoni, liema certifikat imbaghad jigi iffirmat mill-Kap ta'l-Iskola. Illi mhux ikkontestat mill-partijiet illi d-dettalji mimlija minn certu Mario Camilleri fuq struzzjonijiet ta'l-imputat dwar dawn il-kwalifiki li kiseb l-imputat fil-livell sekondarju ta'l-edukazzjoni huma foloz, kif ukoll hija falza il-firma tal-Kap ta'l-Iskola Carmel Attard (ara rapport ta'l-espert Juliana Scerri Ferrante). Dana qed jinghad peress illi:

A. l-imputat qatt ma temm il-livell sekondarju fl-iskola Ninu Cremona sal-hames sena u cioe' il-Form 5 u ghalhekk mhuwiex minnu dak indikat fic-certifikat illi huwa telaq mill-iskola fil-11 ta' Gunju 1987.

B. L-imputat ghalhekk qatt ma seta' attenda il-klassi 5L li tidher fuq dana ic-certfikat, klassi inoltre li tidher li lanqas kienet tezisti fis-sena skolastika indikata fuq dana ic-certifikat.

C. Inoltre is-suggett tal-computer studies li jidher fl-ahhar tac-certifikat lanqas kien jigi mghallem fis-sena skolastika indikata mill-imputat.

D. Illi ghalhekk anke id-dettalji l–ohra u cioe' il-marki tas-suggetti l-ohra fuq ic-certfikat mhumiex veridici peress illi l-imputat qatt ma seta ottjena dawn il-marki fis-suggetti indikati gialdarba huwa qatt ma attenda l-klassi tal-Form 5.

Illi ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazzjoni, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi kif diga inghad l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat jikkontemplaw diversi reati ta' falsifikazzjoni. Illi anke meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku u komplicita fl-istess. Illi certament dawna inghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza 17 October 1997:

"Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fi-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"

Illi maghdud dana kollu il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi migjuba 'il quddiem mid-difiza u cioe' illi il-fatti ta' dana il-kaz jagqhu taht ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali u cioe' 'l hekk ismejjah falz ideologiku. Dana peress illi l-imputat ma huwiex qieghed jaghmel xi dikjarazzjoni falza jew qieghed jaghti taghrif falz biss, izda hawnhekk si tratta ta' falsifikazzjoni ta' dokument shih u cioe' falsifikazzjoni ta' certifikat. Fil-fatt kif jirrizulta mill-provi lanqas il-format uzat tac-certfikat ma huwa wiehed genwin, u dana peress illi fiz-zmien indikat fuq l-istess certfikat, kienu jinhargu certifikati b'format kompletament differenti, format li ma kienx jinkludi fih certu suggetti bhal *computer studies*. Inoltre it-taghrif li jidher fuq ic-certifikati ma huwiex taghrif illi kellu jaghtiha l-imputat, izda huwa taghrif li johrog minn *records* ufficjal tad-Dipartiment ta'l-Edukazzjoni u precisament mir-records ta'l-iskola fejn kien jattendi l-imputat. Illi ghalhekk ir-reat ipotizzat fl-artikolu

188 tal-Kapitolu 9 certament ma jinkwadrax ruhu fil-fattispecje ta’ dana il-kaz in dizamina.

Illi *school leaving certificate* huwa att pubbliku li f’dana il-kaz gie iffalsifikat mhux mill-imputat izda minn terza persuna u dana, kif johrog car mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat (Dokument RA5 a fol.24 et.seq), fuq struzzjonijiet ta’l-imputat stess. Ghalhekk ghalkemm il-falsifikazzjoni saret materjalment minn terza persuna madanakollu dina saret fuq talba ta’ u fuq struzzjonijiet moghtija mill-imputat.

Illi irrizulta mill-provi u lanqas ma jidher ikkontesta bejn il-partijiet illi l-imputat huwa impjegat pubbliku u illi l-ghan ahhari tieghu kien illi dana ic-certifikat kellu iservieh sabiex huwa ikun jista’ jikseb il-kariga ta’ principal security officer fl-isptar generali ta’ Ghawdex.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputat, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni, il-fedina penali netta ta’l-imputat, u il-fatt illi huwa ikkollabora mal-pulizija fil-kors ta’l-investigazzjonijiet taghhom. Illi mix-xhieda ta’ Joyce Dimech irrizulta illi l-imputat huwa ufficjal pubbliku impjegat mal-Ministeru ghal Ghawdex (ara xhieda ta’ Joyce Dimech a fol.32 u 33 tal-process) Illi ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tapplika ukoll id-disposizzjonijiet ta’l-artikolu 190 tal-Kodici Kriminali u cioe’ illi bhala zieda mal-piena taghti l-interdizzjoni generali perpetwa. (ara sentenza Il-Pulizija vs Mario Cassar – Qorti ta’l-Appelli Kriminali 18/06/1955).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 183, 184, 185(2), 186 u  190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, l-hames u is-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu peress illi ma jirrizultawx ippruvati, issibu hati tat-tieni, it-tielet u ir-raba akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta’ sbatax-il xahar prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti b'zieda mal-piena, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tordna l-interdizzjoni perpetwa u generali tal-hati.

Il-Qorti spjegat lill-hati il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------